# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 90 / 09RGM

Kawza fil-lista: 6

**S L O**
**vs**
**Y O li b'digriet datat 9 ta' Gunju 2009 gie mahtur deputat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti X O u b'digriet datat 9 ta' Settembru 2011 X O assuma l-atti f'ismu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewwgu fl-20 ta' Frar 1988 fil-parrocca tal-Marsa u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu Z illum ghandha ghoxrin sena u W illum ghandu tmintax-il sena;

3. Illi l-intimat irrendu ruhu hati u fil-konfront ta' martu r-rikorrenti ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi b'rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibli tant illi z-zwieg tkisser irremidjabbilment;

4. Illi inoltre il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija impossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

5. Illi ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarji u opportuna ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1) tiddikjara u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendnenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

2) tordna li l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lir-rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha;

3) tiffissa retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha, kif ukoll timponi il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti ta' l-gholi tal-hajja;

4) tikkommina kontra l-istess rikorrent [recte: intimat] il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet b'dana illi jigu applikati is-sanzjonijiet imsemmija fir-raba talba, occorendo bin-nomina ta' periti nominandi;

6) tikkundanna lil intimat jirrestitwixxi lil-attrici il-propjeta' kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi, l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dan pero' li tali separazzjoni personali ghandha tigi mputabbli lir-rikorrenti, senjament minhabba sevizzi, minacci w ingurji kbar, u mhux lill-esponenti;

2. Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lir-rikorrenti u li hija tinghata l-jedd li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali.

3. Illi l-esponenti pero' joggezzjona li huwa ghandu jigi kkundannat jissoministra manteniment lil martu r-rikorrenti u dan peress li hija ddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment u inoltre r-rikorrenti hija kapaci tahdem u tmantni lilha nnifisha, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzloni tal-kawza.

4. Illi l-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza, b'dan pero' li ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi.

5. Illi l-esponenti m'ghandux fil-pussess tieghu proprjeta parafernali appartenenti lill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi fl-20 ta' Frar, 1988, il-kontendenti zzewwgu u minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni.

Illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba ragunijiet imputabbli lill-rikorrenti, senjament sevizzi, minacci w ingurji kbar.

Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob lil din l-Onor Qorti sabiex joghgobha:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti martu u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap l6) tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess rikorrenti ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

2. tapplika kontra r-rikorrenti martu, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51 sa 6l tal-Kodici Civili (Kap. l6) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati

wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-istess esponenti billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

4. tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

Illi a skans ta' ripetizzjoni r-rikonvenzjonata issostni illi ghad illi hemm lok ghal separazzjoni r-ragunijiet li kkontribwew ghal din is-separazzjoni huma attribwibbli solament lir-rikonvenzjonat u dan ghar-ragunijiet hemm citati.

Rat in-nota guramentata tal-attrici pprezentata fis-7 ta' Settembru 2009, u dik tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta' Ottubru 2009;

Rat l-affidavit tal-attrici, ta' Lorraine Cilia u ta' Z O, annessi ma' nota tal-attrici pprezentata fid-19 ta' Ottubru 2010;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma nota minnu pprezentata fil-15 ta' Frar 2011;

Rat ix-xhieda tal-attrici, li xehdet fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Romuald Attard, ghall-bank of Valletta plc u tal-konvenut in kontro ezami, li xehedu fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet pprezentat fis-17 ta' Ottubru 2013, fejn iddikjaraw li lahqu ftehim dwar is-separazzjoni taghhom u talbu li jisseparaw skond l-abbozz anness ma' l-istess rikors;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2013, li awtorizzat l-pubblikazzjoni tal-istess;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014, fejn il-Qorti giet infurmata li ma kienx ntlahaq ftiehim finali billi l-attrici kellha xi pretensjonijiet dwar il-vettura Hyundai Excel appartinenti lill-komunjoni, kif ukoll pretensjoni ta' flus dwar spejjez li saru fl-appartament li tikri;

Rat x-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2015;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fit-18 ta’ Frar 2015, u dik tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta’ April 2015;

Rat in-nota tal-konvenut td-29 ta’ Ottubru 2015, li biha pprezenta, s-sentenzi moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku d-digriet relattiv;

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta’ April 2016 fejn ipprezenta d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta’April 2016 dwar r-registrazzjoni tal-annullament taz-zwieg mit-Tribunali Ekklezjastici;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Ottubru 2016 meta l-kawza giet diffeL ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-18 ta’ Ottubru 2010, Fol 50, iddikjarat li zzewwget lill-konvenut X O fis-sena 1988 u kellhom zewgt itfal, Z li llum ghandha 22 sena u W li ghandu 20 sena.

Kienu jghixu mal-genituri tieghu fl-ewwel hames snin taz-zwieg u wara marru jghixu f’appartament bil-kera. Kienu hallsu LM5,000 li hallashom missierha peress li zewgha ma kellux biex jhallas dan l-ammont billi kellu hafna kapricci, kien jahdem n-nar pirotekniku, kellu l-hammiem tat-tigrija, u kien dilettant tal-kacca u l-insib. Qatt ma faddal xejn. Qatt ma wera responabbilita’ ghat-tfal u biex dawn ma jkun jonqoshom xejn hi gieli marret tahdem xi nofs ta’ nhar ghand in-nies. Ir-ragel kien jahdem it-Tarzna ghal ghoxrin sena. Gietu l-opportunita’ li jmur jahdem il-Germanja go fabbrika tan-nar pirotekniku u qabblu li kellu jaccetta dan l-impieg u weghdha li jixtrilha dar kif kien jixierqilha u t-tifla tkompli bl-istudji fl-Unversita’. Kien jaqla’ Euro 4,000 fix-xahar li minnhom kien jibghatillha Euro 1000 fix-xahar. F’Mejju 2008 marret hdejh il-Germanja u f’Gunju rritornaw Malta flimkien u f’Lulju hu rega’ tela ghax-xoghol. Wara ftit ndunat li t-telefonati u l-messaggi bdew jonqsu u f’Novembru 2008 qaltlu li kienet tiela’ hdejh u hu beda jgib hafna skuzi u wara saret taf li kien qed jghix ma’ tfajla Germaniza ta’ xi ghoxrin sena. F’Dicembru ta’ dik is-sena gie Malta, kontra qalbu u l-anqas kellu l-hila jinfaccja wara 20 sena zwieg u qal kollox lil habiba taghha, Lorraine Cilia. Kien qalilha li kien ser jibghatilha Euro 400 fix-xahar izda l-anqas fuq hekk ma zamm kelmtu. Hu kien qalilha biex tapplika ghas-sigurta’ socjali, kif kienu jaghmlu tal-familja tieghu. Hi kienet mwegga li l-familja tieghu kienu dahhlu lil din it-tfajla d-dar meta kienu jigu ghall-btala f’Malta u

ghamlu minn kollox biex laqghuha ma' uliedha. Zewgha kien baghat diversi messaggi fis-sens li ma kellu l-ebda intenzjoni jmantniha billi kellu hajja gdida.

Lorraine Cilia, fl-affidavit taghha, mahluf fit-18 ta' Ottubru 2010, Fol 52, ikkonfermat li kienet ilha taf lill-konjugi O ghal xi ghaxar snin. Zewgha kien habib tal-konvenut billi t-tnejn kienu dillettanti kbar tal-loghob tan-nar li kienu jahdmuh flimkien. Zewgha tilef hajtu meta splodiet il-kamra tan-nar ta' San Gusepp Haz-Zebbug. Ghalkemm zewgha gie nieqes hi xorta wahda zammet kuntatt mal-partijiet. Tant kienu hbieb li lejliet li miet zewgha kienu flimkien ghal festa ta' San Andrija f'Hal-Luqa u meta miet kienu attendew ghal-funeral tieghu.

Darba kienet qieghda ghand l-attrici u cempillha zewgha. L-attrici bdiet tikbi u kellmitu hi. Il-konvenut ammetta maghha li kellu relazzjoni ma' mara ohra ta' nazzjonalita' Germaniza, li din it-tfajla rebhietlu qalbu u li issa jaf xi tfisser l-imhabba. Qalilha li ma kienx kapaci jghid dan lil martu billi qatt ma sab xejn hazin fiha u kienet mara ta' ezemmpju mieghu u mat-tfal.

Talabha biex tghid lil martu li kellu relazzjoni ma' mara ohra u li ma kienx ser jonqosha billi kien ser jghinha fil-flus u f'dak li kellha bzonn. Xi sena u disa' xhur qabel, fix-xahar ta' Dicembru, kien cemplilha mill-ajruport meta kien sejjer lura il-Germanja mat-tfajla il-gdida tieghu, staqsiha kif kienet L u biex iccempillu jekk ikollha bzonn ta' xi haga.

Z O, bint il-partijiet, fl-affidavit taghha mahluf fit-18 ta' Ottubru 2010, Fol 54, iddikjarat li kienet qed isegwi kors ta' Social Worker fl-Universita' ta' Malta. Hi kkonfermat li z-zwieg tal-genituri taghha tkisser billi missierha kkommetta adulterju, sab tfajla tal-eta' taghha, u mar jghix maghha fil-Germanja.
Fi Frar 2008 missierha kellu l-opportunita' li jmur jahdem il-Germanja f'xoghol pirotekniku u f'Dicembru 2008 ammetta li ghandu tfajla ohra u ried li jissepara. Hi ddikjarat li taf li missierha ma jridx jaghti manteniment lill-ommha, u dan wassal ghal-sagrificcji u tbatija kbira. Hi ddikjarat:

"Qatt ma bsart li missieri issa li sab bicca xoghol tajba jaghtina daqqa ta' xkupa u jitfaghna fil-gemb. Kont nistenna li issa li sab xoghol tajjeb forsi niehdu ftit tar-ruh u lil ommi jistmaha ta' nies, izda gharralna. Mhux talli hekk, talli dabbar rasu qisu qatt ma kien xejn."

Bejn Marzu u Settembru 2008, missierha kien jibghat l-ammont ta' Euro 1,000 fix-xahar, wara beda jibghat Euro 250 lill-ommha u Euro 150 ghaliha billi kienet ghada qed tistudja pero' wara xi zmien waqaf jibghat flus lil ommha li spiccat tghix fuq il-beneficcji tas-Sigurta' Socjali.

Hi ddikjarat li l-ewwel snin kienu jghixu ghand in-nanniet, l-ewwel ghand omm missierha u wara ghand omm ommha. Wara xi tmien snin marru jghixu f'appartament mikri f'Gwardamangia, ommha kienet mara tad-dar u missierha kien jahdem it-Tarzna. Missierha kellu paga tajba sufficjenti biex jghixu erba' minn nies, pero' hu kien jonfoq hafna flus fid-delizzji tieghu, hamiem tat-tigrija u xoghol tan-nar, fil-kamra tan-nar ta' Hal-Luqa. Minhabba d-delizzji tieghu ftit kien jibqaghlu flus mill-paga, u billi kien jiddedika hafna hin ghad-delizzji tieghu, manutenzjoni fid-dar qatt ma kienet issir. Fi hdax il-sena il-post tbajjad darba biss u nbiddlet kamra tal-banju.

Hi ddikjarat li ommha jixirqilha li tircevi manteniment xieraq wara s-sagrificcji kollha li ghamlet. L-ghamara il-gdida li nxtrat ghall-appartament, il-kamra tas-sodda taghha u l-kamra tas-sodda ta' huha nxtraw minn ommha bil-flus li faddlet minn ghand missierha, cioe' n-nannu matern taghha.

X O, l-konvenut, fl-affidavit tieghu mahluf fil-15 ta' Frar 2011, Fol 59, iddikjara li zzewweg lill-attrici meta kellu dsatax-il sena peress li kienet harget tqila bit-tarbija tieghu. Ghalkemm ma kienx ippreparat ghal dan il-pass hu ghamel minn kollox, biex jkun ragel tal-familja, dejjem hadem u stinka, qatt ma rrifjuta overtime u qatt ma halliehom nieqsin minn xejn ghal dak li hu ikel ,hwejjeg u htigijiet ohra tal-familja. Mill-bidu nett kien hass li martu kienet tiskoraggih u tmaqdru f'kollox.

L-ewwel hames snin taz-zwieg kienu jghixu mal-familja tieghu fejn kellhom hafna ghajnuna u mhabba. Wara li zzewgu hutha marru jghixu ghand omm il-mara. Hu kien jahdem bhala 'pipe worker' u l-paga tieghu kienet tidhol dirrettament il-Bank. Il-flus dejjem kienet tiehu hsiebhom l-mara hu qatt ma kellu 'cash link' jew 'credit card'. Kien jstaqsi lill-mara ghall-flus meta ried jixtri l-petrol jew sigaretti.

Hu jghid li l-attrici martu qatt wriet interess fih, jew apprezzat dak li kien jaghmel hu, kienet twaqqghu ghac-cajt quddiem il-hbieb u l-familja, kienet dejjem tgerger mieghu billi hu ken jhobb il-festi u jorganizza xi BBQ mal-hbieb jew mal-familja. Dan lilha ma kienx joghogobha, kienet biss tiehu pjacir meta jmorru f'xi bar .

Meta kien jkollhom xi okkazjoni ghand il-familja tieghu, hi dejjem kienet tivvinta l-iskuzi biex ma jmorrhux, haga li kienet timlih b'tensjoni kbira. Fis-sajf martu kienet tqatta hafna hin ghand ommha, u t-tfal ghal hinijiet twal kienu jkunu ghand il-familja tieghu. Jghid li kien jiehu pacenzja biex iz-zwieg ma jitkissirx minhabba t-tfal.

Matul iz-zwieg l-attrici dejjem xtrat kull ma xtaqet, hu dejjem halliha f'liberta' assoluta, lit-tfal dejjem xtrawlhom kull ma kellhom bzonn, anke hallsulhom ghall-

privat meta kien mehtieg. L-attrici,waqt z-zwieg kienet tahdem xi tlett darbiet fil-gimgha u hu qatt ma staqsiha  x'kienet taqla' billi l-flus tal-familja kienu f'idejha. Meta rrealizza li seta' jitlef ix-xoghol tieghu id-Dockyard, gietu okkazzjoni li jmur jahdem il-Germanja. Tkellmu dwar dan u qabblu li kellu jaccetta dan ix-xoghol. Hu jghid li dam sentejn jahsibha billi mhux facli li thalli kollox warajk specjalment it-tfal u l-hsieb taghhom kien li daqqa titla hi u daqqa jinzel hu f'Malta.

Il-bidla ma kienitx facili ghalih, dam biex jidra specjalment l-lingwa, kien jghix f'kamra wahda f'kondizzjonijiet difficli. Iddecieda li jikri appartament vojt u ghamel l-ispejjez biex meta titla l-attrici u t-tfal jsibu post decenti. Hu xtaq li fil-birthday tal-mara johodha btala f'Milan. Hu jghid li ddispjacih li kif harget mill-Airport bdiet tgerger u tghajjat "fejn gibtna?" quddiem kollega tieghu tax-xoghol. Kollox kien jdejjaqha, l-anqas kienet interessata tara l-fabbrika fejn kien jahdem u baqghet barra. Hu hassu mwegga' u umiljat u hass li hi kienet interessata biss fil-flus u dan beda jbeghedhom minn xulxin.

Hu kkonferma li kien ippropona li jisseparaw u li kien lest li jaghtiha kollox inkluz il-karozza u d-deheb. Offra ukoll li sakemm tibqa tistudja lit-tifla jibghatilha bejn Euro 250 u 300 fix-xahar. L-attrici, pero' ma accettatx, quddiem il-'counsellor' qalet li ma kienitx thobbu u bdiet tinsulenta lilu u l-familja tieghu li ma kellhomx tort. Lit-tfal qaltilhom biex jaghzlu jew l-ommhom jew lill-missierhom u l-familja tieghu. Kecciet lit-tifel ghax ma riedx jaghmel ghazla u t-tifel mar jghix ghand il-genituri ta' missieru fejn ghex ghall-tlett snin.

Hu jghid li martu bdiet thedded lit-tfal biex ma jaghamlux kuntatt mieghu.Lit-tifel bdiet taghajjru u tinsultah fuq 'Facebook', umiljatu quddiem hbiebu u mlietu b'tensjoni tant li kellu bzonn tabib. It-tifla baqghet maghha, pero' kienet theddidha li jekk taghmel kuntatt ma' missierha tkecciha ukoll. Meta kien jigi Malta lit-tifla kien jkellimha bil-mohbi ghax meta kien icempilha l-attrici kienet taghmel xenata kbira.

Lit-tifel hallaslu passagg ghall-Germanja u mar hdejh xi tlett darbiet, anke lit-tifla u l-gharus taghha stiedinhom izda it-tifla dejjem irrifjutat billi bezghet li tohloq problemi ma' ommha. Hu xorta baqa' jibghat il-flus ghat-tifla circa Euro 300 fix-xahar. Ghall-ewwel kien jibghathom lill-attrici, izda wara li talab is-separazzjoni din ghalqet il-kont bankarju u ma setghax jibqa jiddepozita il-flus fih. L-attrici l-anqas riedt li jibghat l-flus f'kont taghha, 'minhabba ir-relief'. Kien ghalhekk li beda jibghat il-flus f'kont tat-tifla ghalkemm kien jaf li kienet tghaddi xi haga minnhom lill-ommha. Hu jghid li ma baqghax jibghat il-flus meta kellu problemi ta' xi pagamenti li ma kienx qed jistenna.

Meta kien ilu il-Germanja xi seba' xhur l-attrici rceviet l-ammont ta' LM500 (Euro 1165) mill-Insurance British American. Hu kien ihallas din l-assikurazzjoni li kienet f'ismu. Minn dawn il-flus hu ma ha xejn u lanqas jippretendi xi haga minnhom. L-attrici ghalqet l-kont bankarju joint li kellhom li fih kien hemm blilanc ta xi Euro 700. Ghalqghet dan il-kont meta bdiet tipprettendi minn Euro 800 ghal Euro 1000 fix-xahar, meta il-paga net li kien qed jaqla' kienet ta' Euro 2375. Hi kienet tinsisti li l-paga kienet ta' Euro 4000 fix-xahar pero' kienet taf li dan kien l-ammont gross li minnu ried titnaqqas it-taxxa u kontribuzzjonijiet ohra li jithallu hemmhekk. Hu ghamel referenza ghad-dokumnti li kien qed jannetti mal-affidavit.

Fil-31 ta' Jannar 2011 spicca *redundant,* billi x-xoghol fil-fabbrika naqas, u kien qed jipprepara biex jiritorna Malta. Minhabba l-inkwiet li kien ser jitlef l-impieg tieghu dahal f'*depression* u qieghed taht kura medika.

L-attrici xehdet fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Fol 101. Hi kkonfermat li kellha 47-il sena, ma tbatix minn kondizzjonijiet medici u ma tahdimx l-anqas bla ktieb. Meta kienet tahdem kienet tahdem bla ktieb, kienet tmur tnaddaf ghand in-nies darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha biex tkun tista' izzomm lit-tfal ahjar. Ikkonfermat li ilha sentejn ma tahdem u kienet qed tghix fuq ir-relief. Iddikjarat li fil-bidu tas-separazzjoni kellha *depression* u dammet sena biex harget minnha. Hi tghid li fieqet pero' mhux ghal kollox, jekk tkun fejn jkun hemm hafna nies jghatijha 'panic attack', saret nervuza u ma ghadhiex li kienet. Kienet tiehu il-kalmanti u sleeping pills pero' issa t-tabib waqqafhomlha u fil-prezent m'hiex taht kura medika. Xi sena qabel kienet wafqet kompletament milli tiehu il-pilloli. Hi ma ghandhiex kwalifiki u qatt ma attendiet ghall-korsijiet tal-ETC.

B'nota tal-2 ta' Dicembru 2011, l-konvenut ipprezenta l-Employment History tieghu, kif registrat mal-ETC b'konferma li mit-28 ta' Frar 2011 sat-18 ta' Ottubru 2011 hu kien registrat bhala 'not working and available for employment'.

Romuald Attard, ghall-Bank of Valletta plc, xehed fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Fol 155. Hu ipprezenta l-istatements tal-kontijiet bankarji tal-partijiet. F'isem l-attrici kien hemm sitt kontijiet, wiehed biss attiv u hamsa maghluqin. F'isem il-konvenut kien hemm zewg kontijiet u zewg joint accounts li nghalqu t-tnejn. Il-konvenut qatt ma kellu 'Cash Link Card', l-attrici kellha tnejn, wahda nghalqet fit-18 ta' Mejju 2009 u nghatat 'Cash Link Visa' li ghadha attiva.

X O, il-konvenut xehed fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, Fol 321 et seq. Hu kkonferma li l-ahhar li hadem kien fit-2010 u ilu minn dak iz-zmien jirregistra ghax-xoghol, bhala 'pipe fitter, supervisor fuq seal working'. Inghata kors mill-

ETC li offrewlu xoghol simili, pero' kellu *accident* u ghamel sena wieqaf. Hu kkonferma li fil-prezent kien 'single parent' billi ghandu tarbija mill-partner li telqet minn Malta permanentement u hu qed jiehu hsieb it-tarbija. Hu qed jircevi il-beneficcji socjali mill-Gvern. It-tarbija ghandha sentejn u sitt xhur.

L-ahhar xoghol li kellu kien fil-Germanja bhala 'research and development' fil-piroteknika fejn hadem minn Frar 2008 sa Dicembru 2009. Hu ammetta li kellu relazzjoni ma' tfajla li kien ltaqa' maghha il-Germanja, hi kienet giet Malta, kellhom tarbija pero' din ir-relazzjoni spiccat.

Hu ddikjara li waqt li kien fuq ix-xoghol li offrewlu l-ETC, refa' xi xoghol u ha skoss go dahru, pero' ma kienx qed jahdem, mhux minnhabba l-accident izda billi wahdu kien qed jiehu hsieb it-tarbija. Hu ddikjara li ghandu 46 sena, twieled fl-1 ta' Gunju 1968. Hu kien qed jghix mal-genituri tieghu u ma jhallas xejn mill-kontijiet u spejjez. Hu ikkonferma li t-tifel tieghu miet f'Settembru 2011 u li l-karozza BMW li hu juza ta' spiss kienet tat-tifel tieghu pero' registrata fuq misieru cioe' n-nannu patern tat-tifel. Il-karozza kien xtraha it-tifel fl-ahhar tat-2009 u meta nxtrat kellha bzonn li jsiru xi xogholijiet fuqha u hu offra li jghin lit-tifl biex jirrangawha billi kellu background tekniku. It-tifel miet bla testament u dwar r-rinunzja tal-wirt tieghu, hu kkonferma li kien mar il-Qorti u pprezenta nota.

Iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku fit-30 ta' Jannar 2015 u fid-9 ta' Ottubru 2015 l-ewwel decizjoni giet ikkonfermata mit-Tribunal Ekklezjastiku tat-Tieni Istanza. Is-sentenzi huma annessi ma' nota tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Ottubru 2015 Fol 359. Iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null minnhabba n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tar-ragel u l-inabilita' tieghu li jassumi l-obbligazzjonijiet maLli.

B'digriet tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' April 2016, Fol 393, id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie ordnat jirregistra d-decizjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta tat-30 ta' Jannar 2015, kkonfermata b'digriet ta' ratifika tad-9 ta' Ottubru 2015.

Il-partijiet, fil-pendenza tal-kawza pprezentaw rikors kongiunt fis-17 ta' Ottubru 2013, Fol 299, fejn talbu li jigu awtorizzati jisseparaw a bazi tal-abbozz anness mal-istess rikors. Il-Qorti, b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2015,Fol 300 awtorizzat il-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, pero' fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013, fol 302, l-attrici ddikjarat li kien hemm pendenza bejn il-partijiet dwar il-lap top tad-defunt binhom li hallsitu hi pero' kien fil-pussess tal-konvenut, u fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014, Fol 307, il-partijiet iddikjaraw li ma lahqux ftehim billi l-attrici kellha xi pretensjoni dwar il-vettura Hyundai Excel u dwar xi spejjez

li kienet ghamlet fil-flat lilhom mikri. Il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ghalhekk ma sarx u l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-partijiet zzewgu fl-20 ta' Frar 1988 u kellhom zewgt itfal, Z u W illum maggorenni. Fil-mori tal-kawza gie nieqes it-tifel. Fl-ewwel hames snin taz-zwieg kienu jghixu mal-genituri tal-attrici, wara ghamlu xi snin jghixu ghand il-genituri tal-konvenut u wara marru jghixu f'appartament fi Gwardamangia, bil-kera. Il-konvenut ghamel ghoxrin sena jahdem it-Tarzna u meta spicca sab xoghol il-Germanja go fabbrika tan-nar pirotekniku, fejn hadem bejn Frar 2008 u Dicembru 2009 meta gie dikjarat 'redundant'. Hemmhekk kellu relazzjoni ma' tfajla Germaniza, u kellhom tarbija. Dwar din ir-relazzjoni l-konvenut iddikjara (Fol 324) "kellna relazzjoni flimkien hawn Malta, iva, kellna tarbija u sfortunatament din r-relazzjoni spiccat". Hu kkonferma li ma kienx qed jahdem ghax kien qed jiehu hsieb it-tarbija li kellha sentejn u sitt xhur, li l-omm marret lura il-Germanja u mistoqsi dwar l-iskola rrisponda: " Bdejtlu n-nursery issa ghal ftit sieghat", fol 326.

L-attrici tikkontendi li zwieg taghhom tfarrak minnhabba l-adulterju tal-konvenut, li ghalkemm fil-bidu tal-impieg tieghu fil-Germanja kien jibghatilha manteniment, dan a baqax jaghmlu, u skond l-attrici kien jibghatilha messaggi li ma kellu l-ebda intenzjoni imantniha "ghaliex issa ghandu hajja gdida" fol 51.

Il-konvenut, jghid li l-attrici qatt ma uriet interess fih, jew apprezzat dak li kien jaghmel u kienet dejjem tipprova twaqqghu ghac-cajt kemm mal-membri tal-familja kif ukoll ma barranin. Kienet timlieh b'tensjoni billi dejjem kienet tivvinta xi skuza biex ma jmorrux ghal xi attivita' jew okkazjoni tal-familja tieghu, u kienet thedded lit-tfal biex ma jkellmuhx. Jilmenta mill-fatt li l-attrici kienet "tghaddi hafna hin ghand ommha fis-sajf" fol 59.

Dwar dan l-attrici kellha l-istess ilment, billi l-konvenut kellu diversi kapricci u delizzji, bhal xoghol tan-nar pirotekniku, kellu il-hamiem tat-tigrija, kien dilettant tal-kacca u l-insieb u ghalhekk ma kellux hin ghall-familja u l-anqas mezzi billi kien jonfoq il-flus fid-delizzji tieghu. Dan hu ukoll ikkonfermat minn binthom Z, Fol 55, li d-delizzji tal-konvenut kienu jokkupaw il-hin liberu tieghu kollu u kienu jnefquh il-flus tant li manutenzjoni adegwata fid-dar ma kinitx issir.

Kif jirrizulta minn noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet, prattikament l-unika kwistjoni li baqa' bejniethom hi dik tal-manteniment li l-attrici qed titlob mill-konvenut, billi d-dar matrimonjali hi appartament okkupat b'titolu ta' l-okkazjoni li l-konvenut jaccetta li jkun okkupat mill-attrici bl-ghamara kollha li tinsab fih; il-

karozza Hyundai Excel l-konvenut jaqbel li tigi assenjata lill-attrici, ghalkemm din illum ma ghandhiex valur billi giet abbandonata ghal snin shah f'garage; il-vettura b'magna BMW kienet tat-tifel u hi registrata fuq missier il-konvenut, u dwar flus fil-Bank, l-attrici fin-nota taghha, fol 41 tiddikjara li ma ghandhom xejn depozitat.

L-attrici tippretendi li l-konvenut ghandu jmantniha, billi z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju tieghu u billi hu ghadu tal-eta' li jista' jahdem u ghandu xoghol tekniku specjalizzat.

Il-konvenut, jikkontendi li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt, li kif irrizulta minn dak li qalet fuq Facebook ghandha relazzjoni ma' persuna ohra, u fl-eta' taghha, tista tahdem hi ukoll kif gja' kienet taghmel, dabtejn jew tlett darbiet fil-gimgha waqt iz-zwieg.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Jane O pro et noe vs Carmelo O**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1990 fejn intqal:

" Il-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skond il-qliegh tar-ragel u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid jirrizenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuela Bartolo vs Francis Bartolo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1965 ntqal:

"Jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh mix-xoghol".

Fil-kaz in ezami, l-adulterju tal-konvenut hu minnu ammess, u mistoqsi mill-Qorti dwar il-kapacita' tieghu ghax-xoghol, hu kkonferma, (fol 325 u fol 326) li hu kapaci ghax-xoghol u li ma kienx qed jahdem billi kien qed jiehu hsieb tarbija ta' sentejn u sitt xhur billi l-omm irritornat il-Germanja. Hu kkonferma li twieled fl-1 ta' Gunju 1968 u meta xehed f'Jannar 2015 kellu 46 sena.

Iz-zwieg tal-partijiet gie ddikjarat null b'sentenza moghtija mit-Tribunal Ekkjezjastiku fit-30 ta' Jannar 2015, kkonfermata b'sentenza tat-Tribunal tat-Tieni Istanza tad-9 ta' Ottubru 2015 billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u inabilita' li jassumi l-obbligi taz-

zwieg. Dawn is-sentenzi huma annessi ma' nota tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Ottubru 2015, fol 359.

Ikkunsidrat;

Dwar l-allegat adulterju tal-attrici, il-konvenut jistrih biss fuq post fuq Facebook, fejn hu riportat li l-attrici ddikjarat li hi " really in love with my buddy…." (Fol 68). L-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod korroborata.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

" L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubju f'min ghandu jiggudika."

Fil-kawza **Gatt v. Cutajar noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl- 14 ta' Mejju, 2010, gie rrilevat:

"Issa, l-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "l-kawzali l-aktar gravi li ghalih il-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali" (Vol. XXXVII Pt II p. 693). Huwa difficli li l-adulterju jigi ppruvat b'xhieda okulari. In vista ta' din id-diffikulta`, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u cirkostanzi ohra li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju fil-mohh tal-gudikant illi fil-fatt l-adulterju jkun sehh. Huwa ormai pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza li ladulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, li, pero`, ghandhom ikunu gravi, precizi u konkordanti. Cirkostanzi illi semplicement jirriflettu hbiberija mas-sess oppost ma jwasslux ghall-prova ta' adulterju. Dan ghaliex dawn ic-cirkostanzi ma jikkonvincux lill-gudikant li dik il-hbiberija dahlet daqshekk il-gewwa u saret tant intima li necessarjament wiehed ragonevolment jippresupponi li sehh kongungiment karnali, li huwa l-element necessarju ghall-adulterju."

Dik ic-cirkostanza izolata li ghaliha jaghmel referenza l-konvenut minghajr l-ebda prova ohra li tikorrobora dik l-allegazzjoni ma tikkostitwix prova sufficjenti li twassal ghal konvinciment morali f'min ghandu jiggudika.

Ikkunsidrat;

Jehtieg issa jigi determinat x'inhuma l-konsegwenzi legali gahll-partijiet b'rizultat tal-annullament taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet. Kif rajna supra iz-zwieg tal-partijiet gie annullat mit-Tribunal Ekklezjastiku li sab illi z-zwieg tal-partijiet kien null rizultat ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-konvenut. Dik is-

sentenza giet rikonoxxuta mill-Qorti tal-Appell u ghalhekk iz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet llum jinsab annullat.

## ZWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT

Ghalkemm l-annullament ta' zwieg ifisser li zwieg ma kienx hemm mill-bidu nett mhux kull annullament igib l-istess effetti f'dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-vertenza.

## LIGI

L-**Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** jipprovdi illi:-

*'(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien. '*

Dan l-Artiklu dahal fis-sehh fis-sena 1981, filwaqt li l-partijiet izzewwgu fis-sena 1988, u ghalhekk tali provvediment legali huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

## GURISPRUDENZA

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza *fl-ismijiet "**Stellini vs Tabone**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) rna kawza, intqal hekk:-*

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-Artikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede"*

*B'sentenza fl-ismijiet* **Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano** *(citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 il-Qorti laqghet l-appell tal-attrici appellanti u ddikjarat li skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 l-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha.*

*Il-Qorti, inter alia qalet hekk; " Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fede".*

Issir referenza wkoll ghal sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Perit Herbert Debono vs Astrid Francione** u deciza fit-30 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti ghamlet osservazzjonijiet li ghandom relevanza sabiex jigi determinat meta ghandu jitqies li kien hemm *mala fede*:

*'15. Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat, salv ovvjament ghal dak li ma kienx gie deciz f'dik is-sentenza, senjatament f'dik il-parti li hi omissa decisio u li tirrigwarda t-tieni t-talba li kienet saret f'dik il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-attrici kienet iddekadiet mis-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti u t-tielet t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici m' ghandhiex aktar dritt ghall-akkwisti b'effett mid-datat tas-sentenza ta' separazzjoni.*

*16. F'dik is-sentenza gie deciz li l-konvenuta rikonvenzjonanti, fuq talba taghha stess, kienet unikament hatja ghall-annullament taz-zwieg u konsegwentement giet akkollata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza…………………………….Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat.*

Minn din is-silta jigi dezunt illi mhux kull kawza ta' htija ghall-annullament taz-zwieg hija indikattiva ta' mala fede. Dan hwua wkoll konformi mal-principju ormai assodat illi l-buona fede hija prezunta filwaqt li l-mala fede trid tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Skond is-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null wara li kkonsidrat illi: "We are morally certain that at the time of consent, the petitioner was suffering from grave lack of discretion of judgment and he was also incapable of assuming his maLl obligations due to his gross immaturity and his attitude towards sex". Jirrizulta illi meta l-partijiet izzewgu l-konvenut appena kellu dsatax-il sena.

Ghalhekk filwaqt li ma tirrizultax il-mala fede da parti tal-konvenut japplika d-dispozittiv tal-artikolu 20 (5) tal-Kap 255 u cioe' illi :*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien."*

Tenut kont tar-rizultanzi riportati supra l-Qorti qed tikkonkludi illi una volta z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null htija tal-konvenut huwa ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghall-perijodu ta' hames snin.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba in kwantu z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null fil-mori tal-kawza;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici;

3. Tilqa t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici fl-ammont ta' mitejn ewro fix-xahar (€200) fix-xahar, li jithallas kull l-ewwel tax-xahar u dan ghal hames snin mill-4 ta' April 2016 u sakemm l-attrici ma tergax tizzewweg f'dan it-terminu ta' hames snin u dan billi z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli lil istess konvenut, skond l-Artikolu 20 (5) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici, tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess billi tassenja lill-attrici l-inkwilinat tad-dar matrimonjali u l-ghamara kollha fl-istess dar; kull parti ghandha izomm il-kontijiet bankarji intestati f'isem l-istess parti; il-vetturi jigu assenjati fuq isem min huma licenzjati.

6. Tichad is-sitt talba attrici , billi ma saret l-ebda prova li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu propjeta' parafernali tal-attrici.

7. Tichad l-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali; u tilqa' t-tielet talba dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tordna d-divizjoni tal-istess kif indikat 'supra'; u

8. Tilqa' r-raba talba rikonvenzjonali.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**